MALTA

# QORTI CIVILI
# (SEZZJONI TAL-FAMILJA)

**ONOR. IMHALLEF**
**NOEL CUSCHIERI**

Seduta tat-30 ta' Ottubru, 2008

Citazzjoni Numru. 389/2007

**AB**
**vs**
**D C**

**Il-Qorti,**

Rat ir-rikors guramentat li permezz tieghu l-attur ippremetta li hu kien izzewweg lill-konvenuta fil-1 ta' Settembru 2002, u minn dan iz-zwieg twieled it-tifel E fis-19 ta' Lulju 2004; jghid li dan iz-zwieg tieghu mal-konvenuta huwa null fit-termini tal-paragrafi [a][b][c][d] u [f] ta' l-artikolu 19[1] tal-Kap.255 tal-Ligijiet ta' Malta; ghalhekk talab li din il-Qorti tiddikjara null u bla effett fil-ligi dan iz-zwieg; bl-ispejjez kontra l-konvenuta;

Rat ir-risposta guramentata tal-konvenuta li biha eccepiet li ma topponix t-talba sabiex iz-zwieg jigi dikjarat null; izda zgur mhux ghal ragunijiet imputabbli lilha;

Rat l-atti kollha tal-kawza, inkluzi l-affidavits prezentati;

Semghet ix-xhieda bil-gurament;

Ikkunsidrat;

**Azzjoni**
Illi permezz ta’ l-azzjoni odjerna l-attur qed jitlob minn din il-Qorti dikjarazzjoni gudizzjali fis-sens li z-zwieg tieghu kuntrattat mal-konvenuta fl-1 ta’ Settembru 2002 huwa null fil-ligi stante li l-kunsens matrimonjali tal-partijiet kien vizzjat fit-termini ta’ l-artikolu precitat.

**Kwadru tal-fatti**
Illi l-Qorti semghet liz-zewg partijiet jiddeponu.

Mill-provi jirrizulta li l-partijiet izzewwgu fl-1 ta’ Settembru 2002 meta allura l-attur kellu 23 sena u l-konvenuta kellha 21 sena, u wara li kienu ilhom johrogu flimkien circa sena u nofs. Fis-19 ta’ Lulju 2004 twieled tifel. Wara konvivenza matrimonjali ta’ circa tlett [3] snin il-partijiet isseparaw de facto u fit-23 ta’ Frar 2007 iffirmaw kuntratt ta’ separazzjoni konsenswali.

Illi l-attur jispjega li sa miz-zmien ta’ l-gherusija l-partijiet kienu jiggieldu l-hin kollu, u dana principalment peress li l-konvenuta kienet tbati minn ghira eccessiva ghalih.  Huwa jaghti diversi ezempji fix-xhieda tieghu. Wara tlett xhur li bdew johorgu flimkien il-konvenuta kienet harget tqila minnu, izda korriet ftit xhur wara. Dan l-incident kien aggrava s-sitwazzjoni ta’ bejniethom, sa tal-punt li hu kien qed jikkontempla li jhassar ir-relazzjoni ta’ bejniethom, izda hu kien jithassar lill-konvenuta li baqghet tigri warajh, u eventwalment izzewwgu, wara li l-konvenuta kienet ippromettietlu li “jiena lesta li ninbidel ghalih, nkun dak li tixtieq inti.”[1]

L-attur jghid li wara z-zwieg il-konvenuta baqghet bl-istess atteggjament,u ghalhekk kienu jiggieldu ta’ spiss; izda nonostante l-glied ta’ bejniethom hija xorta wahda kienet

---

[1] Fol.79

tkun trid li jkollhom x' jaqsmu flimkien kuljum, ghax skond l-attur, il-motto ta' martu kien "miggildin bi nhar, u paci taht il-lizar."[2] u jekk jipprova jispjega lil martu li ma kienx hin tajjeb ghalih, hija kienet takkuzah li kien qed jinqeda minn haddiehor.

Jghid li dan l-atteggjament ta' martu kien jikkawzalu hafna stress, u sabiex jevita l-inkwiet, kien anke jisforza ruhhu biex jaghmel l-att taz-zwieg ma' martu, anke meta jkun ghajjien mix-xoghol. Huwa jemfasizza li mill-bidu nett taz-zwieg il-konvenuta kienet tinsisti li l-att sesswali jsir kuljum.

Huwa jspjega li kien dam jissaporti din il-hajja ghal tlett snin, stante li huwa inizjalment kien bezaghn li jaghmel il-pass ghas-separazzjoni, u wkoll peress li ried jaghti cans sabiex jipprova jsalva z-zwieg; izda eventwalment ma felahx jissaporti aktar.

Illi l-konvenuta minn naha taghha tghid li l-attur, "minn dejjem kien ihobb in-nisa"[3] u "minn qabel iz-zwieg, iva, kien itini hafna x' nifhem li kien qed ikollu prezenza ta mara ohra fil-hajja."[4]; izda hija xorta wahda kompliet bir-relazzjoni u zzewwgitu, peress li kienet thobbu u kellha wkoll it-tama li jinbidel.

Il-konvenuta tghid li mill-bidunett taz-zwieg l-attur kien aggressiv maghha u kien ta' spiss isawwatha anke ghall-affarijiet zghar. Tghid li l-ewwel xeba' li qalet kienet erba gimghat wara z-zwieg.

Hija tispjega li tant kienu jiggieldu qabel iz-zwieg li diversi drabi huma kienu hadu d-decizjoni li ma kellhom jibqghu sejrin ghaz-zwieg; izda hi tghid li "dejjem emmina li ser ninbidlu, kont nemminha jiena u kien jemminha hu."[5]

## Konsiderazzjonijiet tal-Qorti

[2] Fol.84
[3] Fol.98
[4] Fol.102
[5] Fol.110

Illi mill-kwadru premess l-Qorti tirravviza l-ezistenza tal-caput nullitatis kontemplat fil-paragrafu [d] ta' l-artikolu precitat, fil-konfront taz-zewg partijiet. Jirrizulta car li huma ma fehemux u ma apprezzewx l-import tal-hajja konjugali u l-obbligazzjonijiet li din necessarjament iggib maghha. It-tnejn izzewwgu bl-isperanza li l-parti l-ohra tinbidel fiz-zwieg ! meta dak li kien idejjaqhom f' xulxin kien radikali fil-parti. Primarjament l-ghira eccessiva da parti tal-konvenuta ghal zewgha, u sekondarjament il-komportament ta' l-attur fil-konfront ta' martu, waslu sabiex il-konvivenza matrimonjali qasira ta' bejn il-partijiet tkun wahda turbolenti mill-bidu taz-zwieg li ghalhekk kien destinat li ma jrnexxix.

Dan premess u kkunsidrat il-Qorti hija tal-fehema li t-talba attrici hija gustifikata fit-termini tal-paragrafu [d] ta' l-artikolu 19[1] tal-Kap.255.

**Decide**

Ghal dawn il-motivi tiddecidi billi tilqa' t-talba attrici u tiddikjara null u bla effett fil-ligi z-zwieg kuntrattat bejn il-partijiet fl-1 ta' Settembru 2002.

L-ispejjez tar-registru jinqassmu bin-nofs bejn il-partijiet, filwaqt li l-kumplament ta' l-ispejjez jibqghu bla taxxa.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------